# Animazzjoni -It-Tielet Ħadd tar-Randan (Sena Ċ)

**Dhul:**

Wasalna fit-Tielet Ħadd tar-Randan. Il-Liturġija tal-lum tħeġġiġna biex inħarsu l-liġi tal-Mulej.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-Liturġija tal-Kelma tal-lum, tiddomina l-importanza tal-indiema. Fil-Vanġelju, Ġesù jurina li min ma jridx jindem jintilef. Ħafna żmien qabel Kristu, Mosè ġie mibgħut min Alla biex iwassal din l-aħbar lill-Fargħun. Din il-ġrajja l-ewwel Insara rawha bħala twissija biex jibqgħu jimxu dejjem lejn it-tajjeb.
Nisimgħu il-Kelma ta' Alla.

**Salm Responsorjali:** Ħanin u twajjeb il-Mulej.

**Offertorju:**

L-offertorju huwa l-mument fejn fih aħna nroddu ħajr lil Alla għal dak kollu li qiegħed jagħtina.
Ejjew inressqu l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal, filwaqt li nkantaw flimkien.

**Tqarbin**

"Indmu, jgħid il-Mulej għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet." Huwa wara l-indiema li l-persuna tkun tista tersaq biex tirċievi l-Ewkaristija.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.